**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002**

**Numru 16**

**Avviz numru 1828/01JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom John Mifsud sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess John Mifsud**

**vs**

**Roderick Baldacchino, Arnold Baldacchino u Dorianne Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-28 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm457.00), danni kagunati f'incident awtomobilistiku ta' l-1 ta' Lulju, 2000, gewwa Triq il-Principessa Margerita, Gzira, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBC-609 misjuqa mill-konvenuti jew min minnhom, u l-vettura numru EAF-375 proprjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici John Mifsud, liema vettura kienet parkeggjata, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 t'Awissu, 2001, u ta' l-imghax dekoribbli mill-21 t'Awissu, 2001, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta, ghalkemm deher id-difensur taghhom.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Dimech u John Mifsud. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. illi din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Lulju, 2000, gewwa Triq il-Principessa Margerita, Gzira, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBC-609 misjuqa minn Arnold Baldacchino, l-vettura HAH-887 proprjeta` ta' Marlene Vella, u l-vetturi numru EAF-375 proprjeta` ta' l-attur li kienet parkeggjata. Kien hemm ukoll l-vettura KAF-315 parkeggjata li ntlaqtet.**

**2. Jirrizulta mix-xhieda ta' John Mifsud, li kien hemm guvni jsuq il-vettura KBC-609. Jirrizulta mir-road accident report esebit li Arnold Baldacchino kien qed isuq il-vettura KBC-609, u li dan hareg fi Triq il-Watar u baqa' diehel fil-vettura HAH-887 li ntefghet fuq il-vettura EAF-375 li kienet parkeggjata li konsegwentement laqtet mal-vettura KAF-315 ukoll parkeggjata. Dana l-incident gara bil-lejl fis-2a.m..**

**3. Ma hemmx dubbju li ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut Arnold Baldacchino li baqa' hiereg ghall-go Triq il-Watar minghjar ma ta kaz ghall-vetturi ohra li setghu kienu ghaddejjin. Kien dan in-nuqqas ta' "proper look-out" li kkawza l-incident, apparti li mill-entitat` tad-danni riportati jidher ukoll li l-istess Baldacchino kien ghaddej b'velocita` zejda, tenut kont li kien bil-lejl u li kien hiereg go triq ohra.**

**4. Id-danni gew konfermati mill-attur John Mifsud u jammontaw ghall-erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm457.00).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti Arnold Baldacchino, it-Tribunal filwaqt li jichad it-talba fil-konfront ta' Roderick Baldacchino u Dorianne Fenech, qed jilqa' t-talba attrici biss fil-konfront ta' Arnold Baldacchino, u jikkundanna lill-istess Arnold Baldacchino jhallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm457.00), bl-imghaxijiet legali mill-21 t'Awissu, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 t'Awissu, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Arnold Baldacchino, filwaqt li l-atturi ghandhom ibatu l-ispejjez tal-konvenuti Roderick Baldacchino u Dorianne Fenech.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**